MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' April, 2015

Avviz Numru. 377/2013

**Nica Limited (C-10261)**

**vs**

**Francis Abela**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promoturipprezentat mis-socjeta’ attrici fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-3 ta’ Dicembru 2013 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt elef, disa’ mija, erba’ u tletin ewro u sitta u disghin centezmu (€6,934.96) piu imghax kummercjali rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ provvista u bejgh ta’ fuel u/jew servizzi ohra

konnessi jew ancillari ghall-istess debitement mibjugha u pprovduti lilu mis-socjeta' rikorrenti fuq talba u ordni tieghu stess.

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra interpellatorja tal-4 ta' Jannar 2012 u tal-ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta datata 8 ta' April 2013 u debitament notifikata lill-konvenut u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' **Francis Abela** li giet prezentata fl-20 ta' Dicembru 2013 fejn eccepixxa:

*"Illi in linea preliminari l-azzjoni tas-socjeta' attrici hija monka stante li ssemmix iz-zmien meta l-allegati "provvista u bejgh ta' fuel u/jew servizzi ohra konnessi jew ancillari ghall-istess gew debitament mibjugha u pprovduti" lill-intimat.*

*Illi fil-meritu l-pretenzjonijiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-intimat ssalda kull debitu dovut lis-socjeta' rikorrenti u m'ghad fadallu jaghtiha ebda ammont kif ser jirrizulta fis-smiegh ta' din il-kawza.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tar-risposta ufficcjali tat-2 ta' Awwissu, 2013."*

**Franco Schembri** in rapprezentanza tas-socjeta' attrici Nica Limited xehed fit-8 ta' Jannar 2014 fejn iddikjara li huwa jiehu hsieb l-affarijiet tas-socjeta' attrici. Nica Limited hija Petrol Station li tinsab Teddy Flats, Dock Street, Ghajn Dwieli. Il-konvenut huwa klijent ta' din il-kumpanija billi jbieghulu u jissuplixxu d-diesel. Ix-xhud gie mgharraf li l-konvenut qed jallega li ma jafx ghal liema perjodu ta' zmien huma tawh dan is-servizz. Huwa ddikjara li dan il-perjodu jibda mill-20 ta' Lulju 2011 u jispicca fid-9 ta' Marzu 2012. Ix-xhud iprometta li jesebixxi statement b'kopja tal-*invoices* relattivi fil-perijodu appena citat. Huwa spjega li l-*invoices* huma ffirmati kemm mill-konvenut u minn ulied il-konvenut.

Rat dak li gie verbalizzat waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2014 (fol. 14) fejn Dr Cassar ghan-nom tal-konvenut kien talab il-hatra ta' espert kalligrafiku ghaliex kien qed jikkontesta ammont ta' firem li kien hemm fuq l-*invoices* esebiti fl-atti. Dr Bartolo ghan-nom tas-socjeta' attrici oppona ghal tali hatra ghaliex stqarr li ma kienx hemm lok stante li l-konvenut kien accetta li kellu jhallas somma flus lis-socjeta' attrici pero' kien xtaq li jinghata aktar zmien ghall-hlas.

Il-Qorti skond dan l-istess verbal rat li fir-rikors promotur ma kienx gie indikat ghall-liema perjodu kien qed jitlob il-hlas u li l-*invoices* mertu tal-kawza in kwistjoni gew esebiti fi stadju ulterjuri u mhux flimkien mar-rikors promotur u ghalhekk huwa minnu li l-konvenut ma setghax ikun jaf dwar dak li kien hemm miktub fl-*invoices.*

Il-Qorti ghalhekk laqghet it-talba tal-konvenut spejjez provizorjament ghall-konvenut u ghaddiet biex innominat lill-espert tal-kalligrafija Dr Anthony Abela Medici u ordnatlu sabiex jivverifika jekk il-firem F. Abela fuq l-*invoices* esebiti pprezentati u formanti parti minn Dok. NB1 humiex tal-konvenut Francis Abela. Dakinhar stess l-espert nominat minnha gie awtorizzat jirtira mill-atti d-dokument originali esebit f'dan il-process.

**Franco Schembri** ghan-nom tas-socjeta' attrici rega' xehed nhar it-13 ta' Frar 2014 u esebixxa l-invoices li pprometta li jesebixxi. Muri l-*invoices* separati li jinsabu go envelopp kannella a fol 12 tal-atti jghid li dawn huma l-*invoices* varji li hemm indikati fid-Dokument NB1 a fol 10 u cioe' rigwardanti l-varji *invoices* bis-somom hemm indikati. Mistoqsi min fil-fatt mela dawn l-*invoices* iwiegeb li kien hemm uhud li gew mimlija minnu u ohrajn minn min ihaddem lilu. Jikkonferma li dawn l-invoices gew iffirmati minn Frans Abela u wliedu. Jghid li fuq dawn l-*invoices* fejn hemm il-kitba tieghu hemm ukoll il-firem ta' dan Abela. Jikkonferma li kien prezenti meta saru l-firem.

B'referenza ghal *invoice* numru 10675 jghid li fejn hemm l-ammonti ta' €20, €139.03, €35, €20 u €42 dawn huma l-kitba tieghu u kien prezenti meta ffirma hdejhom. Rigwardanti l-*invoice number* 10676 jghid li l-ammonti €33, €9.50, €20, €4.66 dawn huma l-kitba tieghu. Rigwardanti t-tielet *invoice* 10677 il-kitba tieghu hija hdejn l-ammonti €31, €4.65, €20, €80, €12, €12.90 u €33, dik hija l-kalligrafija tieghu. Rigward ir-raba' *invoice* u cioe' 10678 fejn hemm miktub €80, €31, €21 u €103 dik hija l-kalligrafija tieghu. Rigward il-hames *invoice* 09401 fejn hemm miktub €35 dik hija l-kalligrafija tieghu. L-*invoice* ta' wara 09402 fejn hemm miktub €20 u €17 hija l-kalligrafija tieghu. L-*invoice* ta' wara 09403 fejn hemm miktub €17, €65 fejn hemm miktub €50 jghid li fil-fatt nofs il-

kalligrafija hija tieghu. Jghid li kien kiteb diesel 857 pero' l-ammont bhala valur mhux miktub minnu, €10 hija kalligrafija tieghu u €14 hija tieghu wkoll. *Invoice* ta' wara 09404 fejn hemm miktub €50 u anke €19 hija kalligrafija tieghu, €63 u €288 hija wkoll kitba tieghu. L-*invoice* ta' wara numru 09405 fejn hemm indikat is-somom €13, €11.18, €3.70, €30.50, €40 u €84 hija kollha kitba tieghu. L-*invoice* ta' wara numru 09406 dwar is-somom €69, €30, €14, €12.78, €40 u €108 din hija kollha kaligrafija tieghu. Fl-*invoice* numru 09407 qed jaghraf l-ammonti €22, €39 u €27 dawn huma kalligrafija tieghu, ta' wara invoice numru 09408 €84 hija kalligrafija tieghu flimkien ma' €8, €4.65, €20 u cioe' t-tieni wahda, €4 u €200 din hija kollha kalligrafija tieghu. L-*invoice* ta' wara 09409 il-kalligrafija hija fejn hemm miktub €61.74, €73, €60, €10, €20, €30 u €20, u l-ahhar wahda mhux tieghu. Dwar l-*invoice* numru 09410 jghid li l-kalligrafija tieghu hija €55 u €114.30, it-tieni €20 fejn hemm *gloves and safety* u €65 dawn huma kollha kalligrafija tieghu. Fl-*invoice* numru 09411, il-*handwriting* tieghu hija fejn hemm miktub €213, €22, €4.60, €7.35, €95 u €82. Dwar l-*invoice* l-ohra numru 09412 il-kalligrafija tieghu hija fejn hemm miktub €25, €4 u €65 kif ukoll €20 ta' taht nett. Dwar l-*invoice* numru 09414 jghid li l-kalligrafija tieghu hija fejn hemm miktub €55, €70, €7.35, €7.35 ohra u €7.35 ohra. Dwar l-*invoice* numru 09415 il-kalligrafija tieghu hija fejn hemm miktub €20, €20 ohra, ir-raba' €20 fejn hemm miktub Petrol, €22 u €7.35. Dwar l-*invoice* numru 09416 it-tieni €20 fejn hemm miktub Petrol hija kitba tieghu, €65, €13 u €15 dawn huma hija kalligrafija tieghu. Dwar l-*invoice* 09417 il-kalligrafija tieghu hija €7.35, €30, €15, €23 u €63 dawk huma kollha kalligrafija tieghu. *Invoice number* 09418 il-kalligrafija tieghu hija €28, €27, €27 ohra, €7.35 u €20, dawn huma kollha kalligrafija tieghu. Dwar l-*invoice* 09419, jghid li l-kalligrafija tieghu hija €95, €60, €25, €245, €7.35, €20 u €65 dawk huma kollha kalligrafija tieghu. Dwar l-*invoice number* 09420 gharaf is-somom ta' €28, €7.35, €4.65, €4.62, €3.20 u €20 dawk huma kollha kalligrafija tieghu u dwar l-ahhar *invoice numru* 09421 jghid li l-kalligrafija tieghu hija ta' €7.35, €25 u €110. Jikkonferma li kull

fejn hemm dawn il-pagamenti u hemm firma, dik il-firma saret fil-prezenza tieghu.

Jghid li fejn ma hemmx firma tieghu, din gieli saret fil-passat cio nonostante kien hallas xorta. Mistoqsi dwar referenza ta' *invoice* numru 09404 jekk il-firma ta' F. Abela hijiex tal-konvenut odjern, jghid li iva dik hija l-firma tal-konvenut odjern u saret fil-prezenza tieghu. B'referenza ghal *invoice* numru 09406 jghid li wkoll fejn hemm F. Abela dik hija l-firma tal-konvenut odjern. B'referenza ghal *invoice* numru 09407 fejn hemm indikat is-somma €22 jghid li l-firma, F. Abela hija tal-konvenut. B'referenza ghal *invoice* numru 09409, dik hija dejjem l-istess firma tal-konvenut F. Abela. Huwa esebixxa numru ta' *invoices* ohra fejn hemm indikat il-firma ta' F. Abela fejn il-firma tieghu hija wkoll differenti u fuqha l-istess konvenut ghamel pagament relattiv. Dawn kollha gew inseriti go envelopp kannella u gew immarkati bhala Dokument CSH.

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2014 Dr Cassar ghall-konvenut irrileva li waqt is-seduta li kienet qed tinzamm quddiem il-perit kalligrafiku nominat mill-Qorti, Dr Bartolo ghas-socjeta' attrici xtaq li jsiru xi 'comparisons' tal-firma allegatament tal-konvenut ma' xi dokumentazzjoni ohra li ma tinsabx esebita fl-atti. Il-konvenut iddikjara li ma kellux oggezzjoni ghal tali talba purche l-ispejjez tal-estensjoni ta' tali nomina tkun a karigu tal-istess attur.

Rat li ghalhekk il-Qorti estendiet l-inkarigu moghti lill-Perit Kalligrafiku ghal dan il-ghan u ordnat li l-ispejjez provizorjament ikunu a karigu tal-istess socjeta' attrici u ordnat sabiex fis-seduta li jmiss quddiemha l-partijiet debitament assistiti ghandhom jikkonkludu x-xhieda taghhom direttament quddiem din il-Qorti fil-presenza tal-istess espert bil-ghan li jekk dan l-espert ghandu xi

domandi addizzjonali x'jaghmel, dan ghandu jaghmilhom waqt id-deposizzjoni taghhom u dan ghandu jsir seduta stante.

**Franco Schembri** xehed fit-18 ta' Gunju 2014 fejn iddikjara illi qabel ma pprocedew bil-kawza odjerna huma kienu kitbu ittra lill-konvenut Francis Abela fejn kienu talbuh il-hlas. Huwa esebixxa kopja ta' din l-ittra li huma kienu baghtu lil Francis Abela li l-Qorti mmarkat bhala Dokument Z u spjega illi bhala risposta l-avukat ta' Francis Abela kien talabhom iktar zmien sabiex ikun jista' jhallas. Ir-risposta giet ezebita wkoll prezenzjalment u l-Qorti mmarkatha bhala Dokument Z1. Ix-xhud tenna li huma kienu pprezentaw ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A u filfatt ipprezenta risposta li kien baghat l-istess konvenut liema risposta giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument Z2. Din l-ittra ufficjali hija datata 2 ta' Awissu, 2013.

Ix-xhud gie muri Dokument Z2 li huwa ezebit f'dawn l-atti. Huwa spjega li l-ewwel cekk f'dan id-Dokument Z2 fl-ammont ta' elf sitt mija, sitta u erbghin ewro u disghin centezmu (€1,646.90) ma jkoprix l-ammont in kontestazzjoni pero' jkopri pagamenti ta' invoices ohrajn. L-invoices kienu gew prezentati quddiem il-Perit Tekniku annessi mal-kopja tac-cekk u kienu gew ezebiti fl-atti tal-kawza mmarkati bhala Dokument CSH. Fuq dan ic-cekk hemm fil-fatt il-firma ta' Francis Abela. It-tieni cekk li jammonta ghal erbat elef, mitejn u disgha u sittin ewro u erbghin centezmu (€4,269.40) ukoll hemm l-invoices li kienu jkopru u li wkoll huwa ffirmat minn Francis Abela u li jinsab ezebit a fol 20 tal-process immarkat bhala Dokument CSH. It-tielet cekk li huwa ghall-ammont ta' erbat elef tmien mija u hames ewro u erbgha u sebghin centezmu (€4,805.74) huwa kopert bl-*invoices* li jinsabu inseriti fl-istess Dok. CSH liema *invoices* huma mahruga qabel l-invoices mertu tal-kawza odjerna u l-ahhar

zewg cekkijiet annessi ma' Dokument Z2 jikkoncernaw xoghol li sar ghand mekkanik li m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-kawza odjerna. Mistoqsi min kien mela l-ammonti tac-cekkijiet ezebiti fl-atti mmarkati bhala Dokument Z2 wiegeb illi dakinhar kienu x-xhud Franco Schembri u l-proprjetajru.

Huwa esebixxa wkoll *sample* iehor tal-firma ta' Francis Abela fuq applikazzjoni tal-MEPA ntavolata fis-sena elfejn u wiehed (2001) u mmarkata bhala Dokument Z3. Mistoqsi kemm ilu klijent taghhom Francis Abela qal li kien ilu snin pero' ma jafx ezattament meta waqaf. Pero' jaf illi twaqqaf ghaliex il-kontijiet baqghu tielghin u ma bediex ihallas. Is-sistema tieghu kienet illi kien jigi jiffirma d-diesel li jiehu u kull tant zmien jigi jaghmel pagament akkont. Francis Abela kellu mpjegati mieghu li huma wliedu Rene Abela, Steve Abela, certu Fernando li kunjomu ma jafux u certu iehor George li kunjomu ma jafux u dawn kollha kienu jigu ghandhom, jiehdu d-diesel u jiffirmaw ghalih. Ix-xhud spjega illi qabel ma' kien ihallas Francis Abela, kienu jaghmlu rendikont mieghu u sussegwentement kien johrog cekk skont l-*invoices* pendenti. Mistoqsi ghaliex effettivament kien jimla dawn ic-cekkijiet qal illi dan ghaliex kien jitolbu hu quddiem il-proprjetarju stess biex jimlihom hu pero' m'huwiex minnu li kien hu li ffirma ghalih. Mistoqsi jekk il-firma li tidher fuq id-Dokument Z3 ta' Francis Abela gietx iffirmata fil-presenza tieghu qal illi le mhux fil-prezenza tieghu.

Huwa kull ma qal fix-xhieda tieghu huwa li ghandu firma ohra fejn gie ffirmat Francis Abela. Ulied il-konvenut u l-haddiema tieghu huma aktar minn tmintax-il sena. Huwa gie mitlub mill-Perit Tekniku seduta stante sabiex jikteb fuq *specimen paper* li giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument Z4 il-kelma 'Steve' ghal diversi drabi. Huwa kiteb ukoll l-isem F. Abela fuq l-istess rikjesta

tal-istess Perit Tekniku. Il-firem kollha li huwa gie rikjest li jikteb huma fuq dokument li l-Qorti mmarkat bhala Dokument Z4.

**Franco Schembri** kompla jixhed dakinhar tat-18 ta' Gunju 2014 fuq domanda tal-Qorti fejn gie muri l-invoices li jinsabu ezebiti fl-atti a fol 12 tal-process immarkati bhala Dokument JP1. Mistoqsi b'mod partikolari jekk l-ismijiet li jigu fuq dawn l-invoices vicin l-ammonti tad-diesel allegatament mehud giex miktub minnu jew minnhom wiegeb illi l-firem in kwistjoni m'humiex tieghu. Huwa ddikjara li l-ebda wahda m'hija tieghu. Huwa kkonferma pero' illi l-kitba tal-ammonti hija kitba tieghu. Hafna minnhom huma tieghu kif ukoll tan-nies li jahdmu mieghu. Filfatt ghamel referenza ghad-dokument MB1 u ghalhekk ikkorega ruhu. Ix-xhud ta garanzija lill-Qorti li ma kienx hu li kiteb il-firem in kwistjoni. Mieghu fil-pompa ghandu jahdmu zewgt itfal tal-proprjetarju u bniedem iehor tal-*punctures* pero' m'ghandux x'jaqsam.

**Charles Cassar** xehed fit-18 ta' Gunju 2014 fejn iddikjara li huwa l-proprjetarju tal-pompa tal-petrol li jisimha Nica Limited, li tinsab Ghajn Dwieli Service Station, Dock Street, Ghajn Dwieli, Paola. Huwa jaf lil Francis Abela ghax it-tnejn huma Zabbarin u kien jahdem mieghu ghal zmien twil. Filfatt il-konvenut kellu hafna konfidenza sahansitra kien imur ghandu fil-garaxx u jiehu l-kafe u gieli kien igiblu affarijiet tieghu personali wkoll u lilu kien jghidlu li kellu jiehu ghoxrin elf ewro (€20,000) minghand xi dipartiment tal-Gvern u kellu jissaporti biex ihallas lilu pero' l-flejjes dovuti lilu qatt ma waslu. Huwa spjega li filfatt kienu jixtru d-diesel minn ghandhom kemm il-konvenut stess kif ukoll il-lavranti tieghu matul il-gurnata kif ukoll uliedu wkoll. Huma ma kellhomx sistema li kienu jigu jiehdu u jhallsu dak il-hin izda kienu jigu u s-socjeta' attrici zzidu mal-kont. Il-maggor parti ta' dan id-diesel gie mehud in konnessjoni mal-

ingenji tax-xoghol u gieli pero' kien jigi bil-karozza tieghu tal-ghamla Peugeot. Ix-xhud jaf li bhala ingenji ghandu trakkijiet u jaf ukoll li kien igib xi *jerry cans*. Huma kienu jigu ta' spiss, kull gimgha u filfatt gieli gew darbtejn jew tlieta f'gimgha. Mistoqsi jekk huwa jkunx prezenti wiegeb illi gieli kien pero' huwa ma tantx kien involut fis-sistema tal-flus.

Ix-xhud gie muri Dokument Z3 esebit f'dawn l-atti li hija applikazzjoni tal-MEPA. Huwa ddikjara li ma jaf xejn dwar il-permess tal-MEPA u gieli meta kienu jithalltu bejniethom kien jurieh xi karti tieghu. Huwa kkonferma li ricentement quddiem in-nutar kienu ghamlu kuntratt kemm huwa flimkien ma' Francis Abela fejn Francis Abela stess kien iffirma fil-prezenza tan-nutar ukoll. Huwa obbliga ruhu li jesebixxi kopja ta' dan il-kuntratt.

**Il-konvenut Francis Abela** xehed fit-18 ta' Gunju 2014 fejn gie muri c-cekkijiet ezebiti f'dawn l-atti mmarkati bhala Dokument Z2 b'mod partikolari l-ewwel cekk fl-ammont ta' elf, sitt mija u sitta u erbghin ewro (€1,646), it-tieni cekk fl-ammont ta' erbat elef sitt mija u disgha u ghoxrin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€4,629.44) u t-tielet cekk fl-ammont ta' erba' mija u hamsa u tmenin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€485.74). Huwa kkonferma illi dawn huma c-cekkijiet mic-cheque book tieghu u l-firma in kwistjoni hija tieghu fuq it-tliet cekkijiet. Huwa gie muri r-raba' u l-hames cekkijiet annessi mad-Dokument Z2, u cioe' fl-ammonti ta' tmienja u disghin ewro u disghin centezmu (€98.90) u mija u hamsa u sittin ewro (€165) u qal illi dawn ukoll mic-cheque book tieghu u l-firem fuqhom huma wkoll tieghu. Huwa sostna li m'hemm l-ebda raguni ghaliex il-firma tieghu hija differenti. Huwa jaf li l-bank jghaddihom u huwa jiffirma mghaggel. Huwa kkonferma li dawn il-hames firem huma kollha tieghu.

Il-konvenut gie muri wkoll Dokument Z3 li hija applikazzjoni tal-MEPA. Huwa spjega li l-proprjeta' "Holy Mary" ilu li bieghha ghal zmien twil u cioe' xi ghaxar snin ilu. Sostna illi l-firma fuq il-karta ahharija tad-Dokument Z4 m'hijiex tieghu. Huwa qatt ma applika ghal xi *wash room* jew liftijiet. Il-konvenut iddikjara li l-firma zgur li mhix tieghu ghalkemm gie nfurmat li effettivament l-applikazzjoni hija datata 2001. Huwa kkonferma li l-postijiet "Rene Steve" u "Holy Mary" kienu zewg proprjetajiet tieghu pero' ilu hafna li bieghhom. Huwa gie muri l-invoices mhallsa mmarkati bhala Dokument CSH u qal li filfatt hemm tliet *batches* u kkonferma li dawn verament huma mhallsa. Huwa spjega illi ghandu zewg trakkijiet, krejn u vann bhala ingenji. Uliedu gieli hadmu mieghu u Fernando ghamel gimgha jahdem mieghu. Huwa gieli kien imur hu u gieli t-tfal kienu jmorru ghand in-Nica biex jiehdu d-diesel. Il-konvenut tenna illi s-Sur Cassar ikun fl-ufficju fejn is-service station, Franco kellu ufficju zghir, u s-Sur Cassar kien jibghatu ghand Franco biex jaghmillu l-kontijiet. Dana kien inizzillu l-kontijiet u jghidlu kemm ghandu bilanc. Franco kien jimla' c-cekk u l-konvenut jiffirmah. Huwa ilu jahdem man-Nica Petrol Station ghal snin twal.

Il-konvenut tenna illi huwa ghandu persuna responsabbli ghal karti u effettivament meta gie mibghut il-kont, din il-persuna dehrilha li l-firem ma kienux tieghu u ghalhekk huwa kkontestahom u marru b'lura u ndunaw li kien hemm diversi firem li m'humiex tieghu. Huwa ddikjara li din il-bicca xoghol sar jaf biha meta rcieva l-ittra minghand l-avukat. Huwa effettivament lil Franco kien jafdah. Mistoqsi jekk hax passi qal illi ma hax izda mar ghand l-avukat. Mistoqsi jekk huwa kienx talab zmien biex ihallas wiegeb illi ma jiftakarx dwar dan, pero' jiftakar li kien mar ghand l-avukat biex jikteb dan is-sens.

**Francis Abela** rega' xehed fis-27 ta' Gunju 2014 fejn gie muri dokumenti li gew ezebiti minn Franco Schembri mmarkati bhala Dokument FS 1, 2, 3 u 4 rispettivament u Dokument FS 5, 6 u 7 rispettivament. Huwa kkonferma illi d-dokumenti FS 5, 6 u 7 zgur ghandhom il-firma tieghu fuq ic-*cheque images*. Dwar il-firem fuq Dokument FS2 u FS3 iddikjara li dawk m'humiex tieghu. Id-Dokument FS4 ghandha l-firma tieghu u rigwardanti l-invoice FS1 qal ukoll illi din m'ghandhiex il-firma tieghu. Huwa gie muri wkoll id-Dokument Z3 b'mod partikolari l-ahhar folja taghha fejn hemm allegatament il-firma tieghu u qal illi dik zgur li mhix il-firma tieghu. B'referenza ghall-invoices li huma nseriti fl-atti mmarkati komplessivament bhala Dokument CSH li huma invoices li allegatament gew imhallsa spjega illi ghal darb'ohra m'hemm l-ebda firma tieghu fuq dawn l-invoices ghalkemm huma mhallsa. Mistoqsi jekk jafx min seta' ffirma fuqhom qal illi ma jafx lanqas u ma jafx jekk jistghux ikunu ta' uliedu.

**Rene' Abela** xehed fis-7 ta' Lulju, 2014 fejn iddikjara li huwa jigi t-tifel tal-konvenut Francis Abela u ghamel xi zmien jahdem fil-pompa tal-fuel ta' missieru. Illum-il gurnata huwa m'ghadux jahdem ma' missieru. Mistoqsi jghid liema kien il-perjodu in kwistjoni wiegeb illi ma jiftakarx. Ix-xhud tenna li kien jahdem f'kostruzzjoni u kien juza t-trakk tal-iskip ta' missieru u juza' l-ingenji l-ohrajn tieghu. Missieru kellu xi disgha jew ghaxar ingenji li jikkonsistu fi krejns, hi-max u ngenji kummercjali. Mistoqsi fejn kienu jiehdu l-provvista tal-fuel f'dan iz-zmien meta' kien jahdem ma' missieru wiegeb li kull meta kien ikollhom bzonn kienu jiehduha minghand is-socjeta' attrici Nica Limited, Ghajn Dwieli Service Station. Huwa spjega li kien imur hemmhekk, jimla' u jiffirma ghall-provvista li kien jiehu. Pero' kien missieru li kien jiehu hsieb dwar il-hlas. Filfatt ix-xhud ma kienx ihallas dak il-hin li jiehu l-fuel izda kien jiffirma fuq karti tas-socjeta' attrici u ma kien jinghata l-ebda karta biex izommha hu.

Ix-xhud gie muri d-dokumenti ezebiti f'dawn l-atti mmarkati bhala Dokument CSH li jinsabu inseriti fl-atti a fol 20. Huwa jiftakar illi kien jiffirma karti bhal dawk is-sofor li jinsabu ezebiti. Mistoqsi jekk hux jaghraf il-firma tieghu wiegeb illi iva huwa qed jaghraf il-firma tieghu fuq dawn id-dokumenti fis-sens li kien kiteb Rene' Abela. Huwa ndika l-firma tieghu fuq ir-ricevuta numru 10666 li hija ezebita fl-atti bhala Dokument CSH datata 17 ta' Novembru 2010 u ghamel salib bl-iswed hdejn il-firma tieghu. Huwa ffirma wkoll salib hdejn l-ircevuta 10667 bhala Rene' Abela, ohra fuq 10668 u f'dan ir-ricevuta 10668 filfatt hemm tlieta firem tieghu. Fuq dokument 10669 hemm ukoll tlieta firem tieghu u gew immarkati b'salib.

Ix-xhud gie muri sett ta' ricevuti ohrajn li huma bid-data ta' 7 ta' Frar, 2011 u l-istess fuq l-ircevuta 10670 hemm hamsa u fil-fatt kiteb salib hdejhom. Fuq l-ircevuta numru 10671 hemm tliet firem tieghu wkoll u kiteb salib hdejhom. Fuq l-ircevuta 10672 hemm erbgha u hemm salib hdejhom. Fuq l-ircevuta 10673 qal li filfatt kien hemm erbgha u ghamel salib hdejhom. Fuq l-ircevuta 10674 qal illi hemm wahda u ghamel salib hdejha. B'referenza ghas-sett l-iehor ta' ricevuti li huma annessi ma' kopja ta' cekk ta' ammont ta' 4269 datat 13 ta' Lulju, 2010 ghamel l-istess ezercizzju u qal illi fuq ricevuta 10651 hemm il-firma tieghu darbtejn. Fuq ir-ricevuta 10652 hemm il-firma tieghu darbtejn u fuq ir-ricevuta 10653 hemm ukoll il-firma tieghu hames darbiet u fuq l-ircevuta 10654 hemm il-firma tieghu tliet darbiet ghalkemm it-tielet wahda fejn hemm 20.50 huwa mhuwiex mija fil-mija cert ghalkemm jahseb li huwa tieghu issa. Fuq l-ircevuta numru 10655 hemm il-firma tieghu darba biss. Fuq l-ircevuta 10656 hemm il-firma tieghu erba' darbiet. Fuq l-ircevuta 10657 hemm il-firma tieghu darba. Fuq l-ircevuta numru 10653 hemm il-firma tieghu sitt darbiet. Fuq ir-ricevuta numru 10659 hemm il-firma tieghu hames darbiet. Fuq l-

ircevuta 10660 hemm il-firma tieghu darbtejn. Fuq l-ircevuta 10661 hemm il-firma tieghu tliet darbiet. Fuq l-ahhar sett ta' invoices li huma attacjati ma' cekk elf sitt mija u sitta u erbghin ewro u disghin centezmu (€1,646.90) datat 15 ta' Ottubru, 2010 ix-xhud kompla jispjega illi fuq l-invoice 10662 hemm il-firma tieghu sitt darbiet, fuq l-ircevuta numru 10663 hemm il-firma tieghu darba. Fuq l-ircevuta numru 10664 hemm firma tieghu darba. Fuq l-ircevuta numru 10665 hemm il-firma tieghu darba biss. Fuq l-ircevuta 09410 hemm firma wahda biss tieghu hdejn ghoxrin ewro u sebghin centezmu (€20.70). Fuq l-ircevuta 09417 hemm firma wahda biss tieghu, hdejn ghaxar ewro (€10).

Ix-xhud iddikjara li l-firem ta' haddiehor pero' m'huwiex f'pozizzjoni li jaghrafhom. Huwa kien iffirma ghal xi fuel li kien ha pero' mhux ghall-uzu tieghu personali. Ix-xhud spjega li Steve huwa huh. Huwa ma' kellu l-ebda kont ma' Nica. Ix-xhud ghandu tmienja u ghoxrin sena u ilu ma jahdem ma' missieru ghal dawn l-ahhar tliet snin u nofs. Huwa jaf illi bhala ngenji kellhom zewg trakkijiet, vann u krejn. L-ingenji l-ohrajn kienu izghar, kienu speci ta' *equipment*. Huma m'ghandhom l-ebda kumpanija, missieru jopera f'ismu proprju. Ix-xhud seduta stante gie mitlub sabiex jaghti *specimen* tal-firma tieghu u filfatt hekk ghamel seduta stante u d-dokument relattiv gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument AB. Apparti x-xhud u huh ma' missieru kien hemm xi nies ohrajn li kienu jahdmu maghhom *on and off*. Huwa ma jafx jekk effettivament kinux jiehdu l-fuel huma wkoll. Dawn l-invoices li ghadu kemm ra u cioe' Dokument NB huma vojta fis-sens ta' klijent u m'ghandhomx data lanqas.

**Steve Abela** xehed fis-7 ta' Lulju, 2014 fejn iddikjara li huwa kien imur ghand Nica Limited biex jimla' l-fuel u kien jiffirma ghal fuel li jiehu. Huwa gie muri

sett ta' dokumenti li huma mmarkati bhala Dokument CSH. B'referenza ghall-ewwel sett ta' invoices li huma attacjati mac-cekk elf, sitt mija u sitta u erbghin ewro u disghin centezmu (€1,646.90) huwa ghamel bhala linja, hash, il-firma tieghu fuq kull invoice li qed jara. L-ewwel wahda qieghda fuq l-invoice 10662. Fuq l-ircevuta 10663 huwa gharaf il-firma tieghu u ghamel ukoll hash hdejha. Fuq ricevuta 10664 huwa gharaf il-firma tieghu tliet darbiet u ghamel hash hdejhom u gharaf ukoll li fuq ir-ricevuta 10665 hemm il-firma tieghu darbtejn u ghamel hash.

Ix-xhud saritlu referenza ghal sett ta' *invoices* immarkati bhala dokument NB u qal illi fuq dawn l-*invoices* gharaf il-firma tieghu u cioe' fuq ir-ricevuti 10675 hemm il-firma tieghu tliet darbiet u ghamel hash hdejha. Fuq ir-ricevuta numru 10676 gharaf il-firma tieghu tliet darbiet ukoll. Fuq l-ircevuta numru 10677 hemm il-firma erba' darbiet u fuq l-ircevuta numru 10676 qal li hemm il-firma tieghu tliet darbiet. Fuq l-ircevuta numru 09401 hemm il-firma tieghu sitt darbiet. Fuq l-ircevuta numru 09402 jaf li hemm il-firma tieghu sitt darbiet u ghamel hash. Fuq l-ircevuta numru 09403 hemm il-firma tieghu hames darbiet. Fuq l-ircevuta numru 09404 hemm il-firma tieghu u ghamel hash hdejha. Dwar il-firem fuq l-*invoice* 09405 jaf li hemm il-firma tieghu darba. Fuq l-*invoice* 09406 jaf li hemm il-firma tieghu f'okkazjoni wahda. Fuq l-*invoice* 09407 jaf li hemm il-firma tieghu darbtejn. Fuq l-*invoice number* 09408 jaf li hemm il-firma tieghu darbtejn. Fuq l-*invoice* 09409 jaf li hemm il-firma tieghu tliet darbiet. Fuq l-*invoice number* 09410 jaf li hemm il-firma tieghu darba, anzi qal illi erba' darbiet. Fuq l-*invoice number* 09411 jaf li hemm il-firma tieghu darbtejn. Fuq l-invoice 09412 jaf li ma hemm il-firma tieghu fl-ebda parti. L-*invoice* 09414 hemm il-firma tieghu darba. Fl-*invoice* 09415 hemm il-firma tieghu darba. Fuq l-*invoice* 09416 hemm il-firma tieghu darba. Fuq l-*invoice* 09417 hemm il-firma tieghu darbtejn. Fuq l-*invoice number* 09418 hemm il-firma tieghu darba. Fuq l-

*invoice number* 09419 hemm il-firma tieghu darba. Fuq l-*invoice* 09420 hemm il-firma tieghu darba u fuq l-*invoice* 09421 m'hemm l-ebda firma tieghu.

Ix-xhud gie mitlub sabiex jaghti kampjun tal-firma tieghu u ghamel dan seduta stante u l-Qorti mmarkat dan id-dokument bhala Dokument AB1. Il-firem li huwa ra wara fuq l-*invoices* kienu jirraprezentaw it-tehid ta' fuel mis-socjeta' Nica Limited u spjega illi dakinhar huwa ma hallasx ghalihom. Huwa stqarr illi ma jaghrafx firem ta' haddiehor fuq dawn l-*invoices* ghax ghaddew erba' snin. Ix-xhud jaf li kien hemm xi nies ohrajn li kienu jahdmu maghhom ukoll ghal xi zmien pero' ma jafx jekk kinux jiehdu fuel huma jew le.

**Dr Anthony Abela Medici** xehed fid-19 ta' Novembru 2014 fejn iddikjara li huwa kien gie nominat minn din il-Qorti b'digriet taghha sabiex jiehu konjizzjoni ta' diversi dokumentazzjoni li giet ezebita fl-atti tal-kawza kemm fil-prezenza tieghu u kif ukoll fil-kawza odjerna. Huwa kkonferma r-relazzjoni tieghu li ghadu kif esebixxa u li giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument ABM. Huwa kkonferma li thallas tal-inkarigu tieghu.

Minn ezami tar-relazzjoni ezebita jirrizulta s-segwenti:-

1. *"Li l-firem genwini ta' Francis Abela bil-varjazzjonijiet bejniethom specjalment fejn jirrigwarda inizjali li xi kultant uza (ara P54- FS1 u P56- FS 3) ghandhom karatteristici ta' kitba li juru li gew maghmula minn awtur wiehed.*
2. *Li l-firem " F. ?fr" fuq l-invoices formanti parti mid-dokument NB1 kollha ghandhom punti karatteristici bejniethom li juru li gew maghmula minn awtur wiehed u komuni bejneithom.*

3. *Li l-firem "F.?fr" fuq l-invoices formanti parti mid-dokument NB1 ghandhom punti karetteristici kompletament differenti minn dawn il-firem genwini ta' Francis Abela u ghalhekk gew maghmula minn pesuna ohra u ma gewx maghmula minn Francis Abela.*
4. *LI peress li fix-xhieda ta' Franco Schembri tat-18 ta' Gunju 2014 huwa kien xehed 'Francis Abela kellu mpjegati mieghu, wliedu Rene Abela, Steve Abela, certu Fernando kunjomu ma nafux u certu iehor George u kunjomu ma nafux u dawn kolha kienu jigi jiehdu diesel u jiffirmaw ghalih.", huwa possibli li l-firem fuq l-invoices identifikati bhala "F.?fr" huma ta' din il-persuna 'Fernando' imsemmija minn Franco Schembri.*
5. *Li t-tlett kliem "Frans" fuq l-invoices 09406 u 10677 ma gewx maghmula mill-konvenut Francis Abela u huwa probabbli li dawn gew maghmula minn Francis Schembri li kien jikteb l-invoices*".

Fir-rigward tat-tieni inkarigu moghti lil dan l-istess espert u appuntu fl-estensjoni tal-inkarigu originali tieghu jispjega li l-inkarigu tieghu seta' jinqasam fuq mill-inqas erba' binarji u kkonkluda s-segwenti:

1. "*Li l-firem "F.?efs" gol-invoices formanti parti mid-dokumenti NB1 a fol. 12 huma maghmula mill-istess persuna li ghamlet il-firem "F.?efs" gol-invoices formanti parti mid-dokument CSH.*
2. *Il-firem "S. Abela" u l-kelma "Steve" gol-invoices formanti parti mid-dokument NB1 a fol. 12 huma maghmula mill-istess persuna li ghamlet il-firem " S Abela" u l-kitba "Steve" gol-invoices formanti parti mid-dokument CSH u dawn gew maghmula minn Seve Abela, iben il-konvenut Francis Abela.*
3. *Il-firem "R. Abela" gol-invoices formanti parti mid-dokument NB1 a fol. 12 huma maghmula mill-istess persuna li ghamlet il-firem "R. Abela" gol-*

*invoices formanti parti mid-dokument CSH u dawn gew maghmula minn Rene Abela, iben il-konvenut Francis Abela.*

4. *Il-kitba "Frans" gol-invoices formanti parti mid-dokument NB1 a fol. 12 huma maghmula mill-istess persuna li ghamlet il-kitba 'Frans' gol-invoice formanti parti mid-dokument CSH."*

Illi nhar l-4 ta' Marzu 2015 dehru l-partijiet debitament assistiti u l-kawza giet trattata u dakinhar l-avukati difensuri tal-partijiet talbu li din il-kawza tithalla ghas-sentenza finali.

Ikkunsidrat.

Illi in sintesi f'din il-kawza s-socjeta' attrici stqarret illi f'kawza civili l-attur ghandu jipprova l-kaz tieghu sal-grad tal-probabbli. Jghid li mill-provi prodotti jirrizulta li huwa probabbli l-ammont mitlub minnu fir-rirkos promotur huwa dovut mill-konvenut. Jistqarr li huwa pprova li s-socjeta' attrici ghandha pompa li tissuplixxi l-fuel u li l-konvenut ghandu diversi ingenji li juza in konnessjoni man-negozju tieghu u li kien jixtri minghand is-socjeta' attrici tali fuel fuq bazi regolari. Jghid ukoll li s-socjeta' attrici pprovat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li effettivament kemm il-konvenut kif ukoll uliedu u l-impjegati tieghu kienu jixtri *fuel on credit terms.* Stqarr ukoll li fil-mori tal-kawza hemm esebita risposta li l-konvenut kien ipprezenta ghall-ittra (fol. 40 Dok. Z1) li kien ircieva minghand is-socjeta' attrici fejn kien ikkonferma li kien debitur tas-socjeta' attrici u kien talab aktar zmien sabiex ihallas. Min-naha l-ohra l-konvenut qed itenni li huwa qatt ma accetta li huwa debitur tas-socjeta' attrici kif mistqarr mill-avukat difensur tas-socjeta' attrici u jghid li r-risposta esebita fl-atti a fol 40 mmarkata bhala Dok Z1 hija biss ittra bonarja li kiteb l-avukat tieghu fejn kien intiz li huwa

ghandu bzonn aktar zmien sabiex ihallsu u jissalda l-ammont wara li jara l-*invoices* relattivi ai fini tat-talba li saret lilu. Fil-fatt jaghmel referenza ghar-risposta li huwa kien ipprezenta aktar tard fl-istess sena u cioe’ nhar it-2 ta’ Awwissu 2013 fejn kien indikat li s-socjeta’ attrici li huwa ma kellu jaghti xejn lis-socjeta’ attrici u rrispinga l-pretensjonijiet taghha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt skond id-dokumentazzjoni esebita minnu li kienet annessa mal-istess risposta (vide fol 45 et seq). In oltre jghid li skond ir-rapport tal-espert li huwa kien qed jabraccja hemm somma flus li hija dovuta minn ulied il-konvenut li llum huma maggiorenni u li ghalhekk messhom gew imharrka huma fil-vesti taghhom u parti mill-*invoices* ma gewx iffirmati minnu u li ghalhekk mhux sew li jigi mitlub jaghmel tajjeb ghalihom meta’ fil-fehma tal-espert dawn l-*invoices* gew iffirmati f’isem F Abela minn Francis Schembri stess ghan-nom tas-socjeta’ attrici.

Ikkunsidrat ulterjorment.

Il-piz probatorju ta` relazzjoni peritali fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza “**<u>Calleja vs Mifsud</u>**”, il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

“*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta`fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti*

*istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika*".

In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicata*), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' taghmlu b'mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami ("**<u>Grima vs Mamo et noe</u>**" – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998).

Jigifieri Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. ("**<u>Cauchi vs Mercieca</u>**" – Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999 ; "**<u>Saliba vs Farrugia</u>**" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 u "**<u>Calleja noe vs Mifsud</u>**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

Il-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata l-giudizio dell`arte espressa mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali,

jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli" – ("**Bugeja et vs Muscat et**" – Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967).

Illi ghalhekk in vista tas-suespost ma jidhirx li din il-Qorti tista' tinjora l-konkluzjonijiet tal-espert nominat minnha u ghalhekk sejra taghti kunsiderazzjoni lill-istess konkluzjonijiet raggunti minn dan l-espert.

Illi pero' jinghad b'referenza ghal dak li stqarr l-avukat difensur tal-konvenut limitament ghal fatt li l-konvenut m'ghandux jaghmel tajjeb ghal dawk l-*invoices* li gew iffirmati minn uliedu li din il-Qorti ma taqbilx ma' din l-affermazzjoni u dan ghaliex ghalkemm huwa minnu li ulied il-konvenut huma maggorenni xorta jibqa' l-fatt li dawn kienu jahdmu ghall-konvenut missierhom u bil-konoxxenza tieghu kienu jmorru jiehdu l-fuel u jimlew l-ingenji ta' missierhom sabiex ikunu jistghu jkomplu bix-xoghol taghhom. Ghalhekk dawk l-*invoices* li gew iffirmati minn ulied il-konvenut huma wkoll responsabilita' tal-konvenut.

M'hemmx dubju u dan ghaliex jirrizulta ampjament car mill-gbir tal-provi akkweziti f'dan il-kaz li l-konvenut verament kellu negozju u li kien imur ta' sikwit jiehu fuel minghand is-socjeta' attrici u kellu ftehim ta' *on going account* dwar il-hlas tal-istess. Huwa minnu li l-konvenut jghid li l-ammont miltub mhux dovut pero' ma jesebixxi l-ebda ricevuta sabiex jipprova l-hlas min naha tieghu minflok jeccepixxi li l-firem fuq l-*invoices* m'humiex tieghu u li huwa qatt ma ha ghalhekk il-konsenja ta' *fuel* indikata f'dawn l-istess *invoices*.

L-espert tekniku pero' ma jabbraccjax din it-tesi fit-totalita' taghha. Jghid li hemm numru ta' *invoices* li addirittura huma ffirmati mill-konvenut stess ohrajn minn uliedu u ohrajn minn Francis Schembri stess. Ghalhekk huwa l-kompitu ta' din il-Qorti tara liema huma dawk l-*invoices* li fil-fehma tal-espert fil-probabilita' kienu gew iffirmati minn Francis Schembri. Jirrizulta li fil-fehma tal-perit li kuntrarjament ghal dak li jirrizulta fir-rigward tal-*invoices* l-ohra l-*invoices* 09406 u 10677 ghandhom firem li zgur li m'humiex tal-konvenut u dawn iz-zewg *invoices*. Dawn iz-zewg *invoices* jinsabu ezebiti fl-atti a fol 12 f'envelopp kannella u filwaqt li l-*invoice* numru 09406 jammonta ghal tlett mija u sitta u sebghin ewro u tmienja sebghin centezmu (€376.78), l-*invoice* numru 10677 jammonta ghal mija u sebgha u disghin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€197.45). Ghalhekk l-ammont totali ta' dawn iz-zewg *invoices* huwa ta' hames mija u erbgha u sebghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€574.23).

Illi ghalhekk jibqa' biss in kontestat l-ammont ta' hames mija u erbgha u sebghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€574.23). Huwa l-kompitu tal-attur li jipprova li effettivament l-*invoices* ezebiti jikkoncernaw konsenji ta' fuel moghtija lill-konvenut jew lid-dirigenti tieghu u fil-fehma tal-Qorti fil-konfront taz-zewg *invoices* imsemmija aktar il-fuq l-attur ma rnexxielux jipprova dan ghas-sodisfazzjon tal-Qorti. Dwar il-kumplament pero' din il-Qorti hija sodisfatta, u dan wara li setghet anke lill-ulied l-istess konvenut jixhdu li verament dawn is-somom indikati fl-*invoices* l-ohra jirrapprezentaw konsenji ta' fuel mehuda minnhom ghan-nom ta' missierhom u cioe' ghan-negozju tieghu li mieghu kienu mpjegati. Il-konvenut fl-ebda stadju ma ressaq xi prova li huwa effettwa xi hlas ghal xi *invoice* esebita mill-attur li dwarha qed jitlob li jithallas.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut b'dan illi qieghda tilqa' t-talba attrici f'somma ridotta ta' sitt elef, tlett mija u sittin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€6,360.73).**

**Bl-ispejjez tal-kawza inkluz dawk tal-perizja jithallsu in kwantu ghal tlettax minn erbatax mill-konvenut u wahda minn erbatax mill-attur.**

**L-imghax fuq is-somma likwidata jibda jiddekorri mil-lum.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------